MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2010

Numru. 784/2006

Il-Pulizija
(Sp Therese Sciberras)
vs
Carmela Debono, bint Michael Xerri, imwielda Qormi fid-19 ta’ Awwissu, 1958, Karta ta’ l-Identita numru 599458(M)

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata:

1. talli f’dawn il-Gżejjer, u cioe’ ġol-Qawra, San Pawl il-Baħar, fil-lejl ta’ bejn is-16 u is-17 ta’ Ġunju, 2006, f’xi ħin bejn it-8.00 p.m. u l-4.00 a.m. volontarjament tat in-nar lill-materjal li jaqbad jew lill-bini u dan il-bini, għarix jew lok ieħor jew dan il-materjal kien qiegħed b’mod li jista’ jqabbad il-ħruq lill-bini ieħor jew lok ieħor fejn f’dan il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna;

2. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassret, għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u dan bi ħsara ta' terżi persuni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta' Mejju, 2009 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikolu 317(a)(i) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 325(ċ) tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kodiċi Kriminali; u
d. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009 fejn l-imputata tat il-kunsens tagħha biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Ikkunsidrat,
Illi mill-verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu, 2009 jirrizulta li l-ħsara li saret mill-imputata hi ta' inqas minn €110 u l-parte ċivile rtirat il-kwerela relativa. Minbarra dan, a bażi ta' ftehim li jinsab fil-kuntratt tas-separazzjoni tal-konjuġi Debono saret rinunzja għall-azzjoni Kriminali kontra l-imputata.

Illi l-ewwel akkuża ġiet pruvata tenut kont li l-imputat kienet taħt pressjoni minħabba l-pozizzjoni familjari tagħha.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tat-tieni akkuża stante rinunzja min-naħa tal-parte ċivile. Issibha ħatja tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħha. Minħabba ċ-ċirkostanżi hawn fuq imsemmija jkun xieraq l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-artikolu 317(a)(i) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna

li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 382A et seq. tal-Kodiċi Kriminali. Lanqas hemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda' esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------